Mellieħa

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**
126, Triq il-Mitħna l-Ġdida,
Mellieħa

IS-SEBA' KUNSILL

26 ta' Jannar 2017

**Is-Sebgħin Seduta tas-Seba' Kunsill Lokali Mellieħa se ssir nhar it-Tlieta 31 ta' Jannar 2017 <u>fis-6.00pm</u>, fl-indirizz t'hawn fuq.**

## AĠENDA

1. Qari u korrezzjoni tal-minuti
2. Materji mqajma mill-minuti
3. Korrispondenza
4. Skedi ta' Xiri u Ħlasijiet
5. Sejħa għall-Offerti Nru. 10/2016 – Mozzjoni dwar l-għoti ta' kuntratt li jipprovdi għall-Immaniġġjar ta' Kuntratti (Operat tal-Kunsill in Ġenerali) u Servizzi Anċillari
6. Sejħa għall-Offerti Nru. 11/2016 – Mozzjoni dwar l-għoti ta' kuntratt li jipprovdi għat-Tindif ta' Toroq Mhux Urbani
7. Mozzjoni dwar l-Impjieg ta' Assistent Uffiċjal Prinċipali (Skala 11)
8. Ftehim ta' Koperazzjoni Reġjonali dwar Installazzjoni u Manutenzjoni ta' Dwal fit-Toroq
9. Ftehim dwar Servizz ta' Ġbir ta' Skart Riċiklabbli 2017-18
10. Ftehim dwar l-użu ta' binja fil-Park tal-Majjistral mill-Parroċċa tal-Manikata

Materji oħra

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

C:\Users\Carmel Debono\Documents\Council Agendas\7th Council\Agd7_70.docx

## MOZZJONIJIET

### 5. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:

"Billi l-kuntratt li jipprovdi għal servizz ta' *Contracts Management u Servizzi Anċillari* skada u għalhekk saret sejħa għall-offerti (MLC 10/2016) skont ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (A.L. 255 tal-2009), u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (A.L. 177 tal-2005), liema offerti ġew evalwati, skont ma' jidher mir-rapport finali mressaq fis-Seduta 69 tal-10 ta' Jannar 2017; u;

Billi fl-estimi għas-sena finanzjarja 2017 ġiet ivvutata somma bil-għan li jingħata s-servizz imsemmi taħt il-vot 3120;

Jirriżolvi illi għandha tiġi addottata r-rakkomandazzjoni li saret mis-Sotto-Kumitat ta' Evalwazzjoni u għalhekk tinħareġ ittra ta' aċċettazzjoni u sussegwentement jiġi iffirmat il-kuntratt relattiv mal-Perit Daniel Cordina, għal perjodu ta' tlett snin b'effett mill-1 ta' Frar 2017, bir-rati ikkwotati fid-dokument tal-offerta relattiv.". (K/6/5/2)

| | |
|---|---|
| John Buttigieg– Sindku | Emvin Bartolo - Kunsillier |
| **Proponent** | **Sekondant** |

### 6. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku C. Bartolo, illi tgħid:

"Billi l-kuntratt li jipprovdi għat-Tindif ta' Toroq mhux Urbani, intemm it-terminu tiegħu;

Billi saret sejħa għall-offerti (MLC 11/2016) skont ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (A.L. 255 tal-2009), u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (A.L. 177 tal-2005), liema offerti ġew evalwati, skont ma' jidher mir-rapport finali mressaq fis-Seduta 69 tal-10 ta' Jannar 2017; u

Billi l-Kunsill ivvota somma fl-Estimi għas-sena 2017, biżżejjed biex tkopri dan is-servizz taħt il-vot 3052;

Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi iffirmat kuntratt mas-Sur Alexander Fenech illi jipprovdi għas-servizz imsemmi, għal perjodu ta' tlett snin, b'effett mill-1 ta' Frar 2017, skont il-prezzijiet mogħtija fid-dokument tal-offerta.". (T/4/6/Vol IV)

| | |
|---|---|
| Clayton Bartolo | Joseph Gauci |
| **Proponent** | **Sekondant** |

**8. Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera A. Brincat Stellini illi tgħid:**

"Billi s-Sur Stephen Borg, bħala uffiċjal fis-Servizz Ċivili li kien issekondat mal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa, applika sabiex jieħu *leave* fit-tul u għalhekk mhux ser ikun f'pożizzjoni li jkompli jirrendi s-servizzi tiegħu;

Billi l-Artiklu 53(1)(a) tal-Att dwar Kunsilli (Kap. 363) jipprovdi li l-Kunsill għandu jaħtar lil dawk l-impjegati l-oħra, apparti s-Segretarju Eżekuttiv, li l-Kunsill jidhirlu meħtieġa għall-qadi effiċjenti tal-funzjonijiet tiegħu;

Billi permezz ta' imejl datat 9 ta' Diċembru 2016, id-Dipartiment għall-Gvern Lokali awtorizza l-inġaġġ ta' Assistant Uffiċjal Principali Skala 11 *full-time*, għab-bażi tal-popolazzjoni tal-lokalità, skont il-proċedura stabbilita, l-ewwel permezz ta' sejħa interna fost il-Kunsilli Lokali kollha, liema sejħa ma kienx hemm rispons għaliha;

Billi Jobsplus intalbu jgħaddu lista ta' persuni li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani) u l-*job description* marbuta mal-esiġenzi tal-Kunsill, liema persuni ġew intervistati mill-Bord tal-Għażla maħtur mill-Kunsill fis-seduta Nru. 69 tal-10 ta' Jannar 2017;

Billi l-Bord tal-Għażla, fir-rapport tiegħu tal-20 ta' Jannar 2017, irrakkomanda l-impjieg tas-Sinjura Doriette Fenech Gambin (I.D. 512283M), wara li saru l-intervisti kollha;

Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt tax-xogħol definit għall-perjodu ta' tliet snin mas-Sinjura Fenech Gambin b'effett mill-1 ta' Frar 2017.". (P/7/1/Vol VIII)

| | |
|---|---|
| Annabelle Brincat Stellini (Kunsillier) | Patrick Cutajar (Kunsillier) |
| **Proponent** | **Sekondant** |